MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2009

Talba Numru. 728/2008

**Melita p.l.c. (C 12715)**

**vs**

**Silvander Gerada (ID 477175M)**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' tlett mija u wiehed u sittin Euro u hamsin centezmu (€361.50), rappresentanti bilanc ta' prezz ghal servizz ta' 'cable television' fil-fond Mimi, 116, Triq it-Torri, Sliema mill-13 ta' Frar, 2004 sa 6 ta' April, 2005 skond il-kont numru 149308, liema bilanc ghadu dovut;

Minkejja li gie interpellat ihallas diversi drabi baqa' inadempjenti;

Qed jintalbu wkoll l-imghaxijiet dekorribbli mill-13 ta' Frar, 2004 sad-data tal-effettiv pagament;

Bl-ispejjes kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni nkluz dawk tal-ittra ufficjali Nru. 2501/2008 datat 20 ta' Gunju, 2008.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.
Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' tlett mija u wiehed u sittin Euro u hamsin centezmu (€361.50), bl-imghax kif mitluba.  L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------